**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 352/2018 AF**

**Barry Michael Whitmore**

**vs**

**Elisabeth Fraissenon (Passaport Franciz Nru. 94-8742)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attur Barry Michael Whitmore, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' tlett kuntratti ta' bejgh, ir-rikorrenti akkwista s-segwenti proprjetajiet:

a. Proprjetà bin-numru sebgha (7) lokata f'Impasse Maginot, Senlis, Oise fi Franza versu l-prezz ta' tlieta u tletin elf u disa' mitt Ewro (€33,900) nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u sebgha u tmenin (1987).

b. Art bin-numru dsatax (19), lokata f'Du Lotissement, Les Hauts, Bois, Senlis fi Franza, versu l-prezz ta' disgha u tletin elf u disa' mitt Ewro (€39,900) nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u disghin (1990).

c. Appartament internament mmarkat bin-numru tmienja (8), formanti parti minn blokk ta' appartament bin-numru mitejn u wiehed u erbghin (241) fi Triq it-Torri tas-Sliema, bid-drittijijiet u l-pertenzi kollha tieghu nkluz washroom/storeroom internament mmarkata bin-numru sitta (6), versu l-prezz ta' tnejn u disghin elf u hamsa u tletin centezmu (€92,035) nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (1989) fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Attard.

Filwaqt illi sar l-akkwist tat-tlett (3) proprjetajiet, ir-rikorrenti kienu f'relazzjoni mal-intimata Elisabeth Fraissenon, liema persuna dehret fit-tlett (3) kuntratti bhala firmatarja, u sussegwentement hija giet ikkunsidrata bhala ko-proprjetarja tal-proprjetajiet.

Fit-tielet lok, l-esponenti jissottometti illi huwa **unikament** hallas dawk l-ispejjez kollha relatati mal-akkwist tal-proprjetajiet, inkluz dawk il-benefikati kollha u xogholijiet necessarji minn zmien ghall-iehor fil-fondi suriferiti.

Bir-rispett kollu, minkejja li l-intimata kienet firmatarja tal-kuntratti ta' bejgh suriferiti, hi naqset milli tikkontribwixxi finanzjarjament ghal kwalunkwe hlasijiet relatati mal-akkwist, xogholijiet u benefikati, u l-imsemmija spejjez gew imhallsa esklussivament mir-rikorrenti, u ghaldaqstant l-ispejjez kollha twettqu fi hwejjigha bhala ko-proprjetarja minghajr ma sar hlas taghhom da parti taghha.

Bir-rispett kollu, il-konvenuta arrikkixxiet ruhha ndebitament minn fuq ir-rikorrenti u l-hlasijiet kollha gew nkorriti minnu stante illi l-intimata hadet vantagg mill-gid tal-esponenti li ghaddha minghajr ebda hlas, ossija l-arrikement kien ingustifikat u zied b'mod sostanzjali l-valur tal-fondi fuq imsemmija, partikolarment fil-proprjetà mixtrija fl-1987 li fiha tghix l-intimata, u dana b'detriment ghall-esponenti a tenur tal-artikolu 1028A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fid-dawl tal-fatti kif edotti, l-esponenti ghandu d-dritt jigi rikompensat ghall-arrikiment indebitu, u dana stante illi kull att finanzjarju imwettaq esklussivament mill-esponenti kien ta' beneficcju ghall-intimata.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti xtara u ghamel xogholijiet u benefikati fit-tlett (3) fondi surriferiti, b'dana illi l-konvenuta arrikkixxiet ruhha ndebitament bl-istess spejjez, xogholijiet u benefikati li ghamel ir-rikorrenti, a skapitu tar-rikorrenti u bi ksur tal-artikolu 1028A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Tillikwida l-ammont rapprezentati tali arrikkiment ingust.

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-esponenti s-somma hekk likwidata, bl-interessi kollha dovuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni spettanti a bazi tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-Avukat Dottor Jonathan de Maria bħala mandatarju speċjali tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament l-esponenti tirrileva li hija cittadina Franciza u li kemm ir-residenza taghha kif ukoll d-domicilju taghha huma r-Repubblika ta' Franza u mhux Malta, u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisidzzjoni tisma' u tiddeciedi din il-kawza stante illi tali gurisdizzjoni tvesti fil-Qrati Francizi, u dan kif stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2015.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti jonqosha wkoll il-gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi din il-kawza a tenur tal-artikolu 741(a) u (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti jonqosha wkoll il-gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi din il-kawza a tenur tal-artikolu 742(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors odjern huwa null u minghajr effett peress li ma fihx id-dikjarazzjoni li titlob il-ligi ai termini tal-artikolu 156(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici u l-azzjoni attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici u l-azzjoni huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici u l-azzjoni attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu wkoll jipprova li l-ewwel fittex ghalxejn mod iehor lil min stagna bi

hsara tieghu jew li altrimenti ma kien hemm l-ebda azzjoni ohra li setghet issir in konnessjoni mat-talbiet attrici.

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu wkoll jipprova li jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega mill-Artikolu 1028A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta biex dina l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tissindika t-talbiet attrici u eventwalment tiddeciedi fuqhom.

Fi kwalunkwe kaz, l-attur ghandu wkoll jipprova sal-ghola grad rikjest milll-ligi dawk ix-xogholijiet kollha u benefikati li skond hu ghamel fit-tlett (3) proprjetajiet minnu citati, u anke l-allegati spejjez relattivi.

Fil-mertu u wkoll bla pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-esponenti arrikixxiet ruhha indebitament ghad-dannu tal-attur u l-esponenti tiddikjara li hi m'ghandha taghti xejn lill-attur.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija l-*actio de in rem verso* ai termini tal-artikolu 1028A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur qiegħed jallega li l-konvenuta arrikkiet ruħha indebitament mill-ispejjeż, xogħlijiet u benefikati li l-attur għamel in konessjoni ma' tlett proprjetajiet illi l-kontendenti kienu akkwistaw flimkien, senjatament żewġ proprjetajiet li jinsabu Senlis, ġewwa Franza u appartament ġewwa Ta' Sliema.

Id-deċiżjoni tal-lum hija limitata għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuta li permezz tagħhom eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati a tenur tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'Ir-Regolament') u l-artikoli 741(a) u (c) u 742(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g) tal-Kap. 12.

Mhux kontestat illi l-konvenuta hija domiċiljata Franza fejn ilha tgħix ħajjitha kollha. Il-konvenuta kienet f'relazzjoni mal-attur iżda f'dak il-perjodu kienet tiġi Malta biss għal xi btala u qatt ma attwalment għexet Malta. Wara li nfirdu fis-sena 1993, il-konvenuta qatt ma ġiet Malta ħlief għal ftit ġranet f'Mejju tal-2018 sabiex biegħet lil terzi s-sehem tagħha mill-appartament ġewwa Tas-Sliema.

A tenur tal-ewwel sub inċiż tal-artikolu 4 tar-Regolament:

> "*Soġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru.*"

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 5 tar-Regolament jaqra hekk:

> "*Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla fit-Taqsimiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu.*"

Fis-sentenza ta' Chemimart Limited vs Reckitt Benckiser Healthcare International Limited, tal-15 ta' Ottubru 2012, din il-Qorti diversament presjeduta qieset eċċezzjoni simili u rriteniet:

> "*Jidher ghalhekk li r-regola generali hi li persuna ghandha tigi mharrka fl-Istat Membru fejn hi domiciljata. Madankollu hemm eccezzjonijiet. Fis-sentenza parzjali li nghatat fid-9 ta' Jannar 2012 fil-kawza* ***Avukat Dr Edward DeBono nomine vs No Stop Technology****, il-qorti osservat:-*

*"Fil-kawza deciza mill-Qrati Ewropej fl-ismijiet **Kalfelis vs Shroder**, Case 189/1987 (Reports 1988 page 05565) inghad li "all exceptions to the rule that the defendant must be sued in the state of his domicile are to be construed narrowly". Dan kien bazat fuq il-principju tad-dritt generali tal-konvenut, ossija dak li jigi imharrek fid-domicilju tieghu (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-European Court of Justice fil-kawza "**Athanasios Kalfelis vs Bankhaus Schroder**, **Munchmeyer, Hengst and Co.**, deciza mill-Fifth Chamber fis-27 ta' Settembru 1988, Case no 189/87 European Court Reports 5565, u s-sentenza lokali fl-ismijiet **Bell Med Limited C26412 Vs Pari Mutuel Urban** deciza mill-Qorti ta' L-Appell Civil Superjuri fit-18 ta' Settembru 2009.".*

*Fil-kaz **Jakob Handte & Co GmbH v Traitements Mecano-chimiques des Surfaces SA** (1992) (C-26/91) deciz mill-Qorti Ewropea fis-17 ta' Gunju 1992, inghad li r-regola generali li persuna ghandha titharrek fl-Istat Membru fejn hi domiciljata "is a general principle because it makes it easier, in principle, for a defendant to defend himself. Consequently, the jurisdictional rules which derogate from that general principle must not lead to an interpretation going beyond the situations envisaged by the Convention."”*

Fis-sentenza ta' Mizzi Home Furnishings Limited et vs Italgreen SPA, tas-27 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"*Izda l-principju li l-gurisdizzjoni hi dipendenti mid-domicilju tal-persuna, dan mhux wiehed assolut. Dan jinghad peress li kif jirrizulta mir-recital App. Civ. 1045/07 21 tal-preambolu tal-istess Regolament, b'zieda mad-domicilju tal-konvenut, ghandu jkun hemm bazi alternattiva ta' gurisdizzjoni bbazata fuq ir-rabta mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni sabiex tkun iffacilitata amministrazzjoni tajba tal-gustizzja.*"

Skont l-artikolu 7 tar-Regolament, li jipprovdi dwar ġurisdizzjoni speċjali:

"*Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:*

*(1) (a) fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni;*

.....

*(2) fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-avveniment dannuż jkun twettaq jew jista' jitwettaq;*

*...."*

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-eċċezzjonijiet kollha għar-regola ġenerali riflessa fl-ewwel sub inċiż tal-artikolu 5 u tqis illi l-ebda waħda minnhom ma tapplika għal każ tal-lum. F'dan il-każ ma jirriżultax li l-konvenuta qatt assumiet xi obbligu li tħallas lill-attur u wisq inqas li tħallsu hawn Malta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li mit-tlett kuntratti mertu tal-kawża, wieħed minnhom sar Malta. Madanakollu, l-konvenuta m'għandhiex rabta ma' Malta u ma hemm xejn x'jorbot l-allegat arrikkiment inġust intimament ma' Malta u, allura, x'jirradika l-ġurisdizzjoni ta' dawn il-qrati.

Il-preambolu tar-Regolament relattiv jgħid li l-iskop tiegħu huwa li, fl-aħħar mill-aħħar, il-każ jinstema' mill-istat li għandu konnessjoni intima mal-każ. Apparti li, f'kull każ, il-ġurisdizzjoni hi bbażata fuq ir-regolamenti relattivi u mhux fuq dak li jingħad fil-preambolu, f'dan il-każ ma jistax jingħad li hemm xi konnessjoni intima ma' Malta.

Ir-Regolament ma jagħmel l-ebda riferenza għall-proċeduri dwar kważi kuntratti u l-għerq tal-azzjoni proposta mill-attur huwa l-istitut tal-kważi kuntratt li minnu titnissel obbligazzjoni.

Din l-azzjoni hija konċessa meta mhix esperibbli l-azzjoni *ex contractu* (ara Grima vs Fava et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru 1966) u allura ċertament ma taqax taħt l-artikolu 7(1) tar-Regolament.

Huwa meqjus illi din l-azzjoni hija rimedju sussidjarju estiż għall-eventwalità ta' arrikiment indebitu a dannu ta' ħaddieħor, in forza tal-prinċipju *jure naturae aequum est neminem cum alterius detriment et injuria fieri locupletarum* (ara Vincent Parnis vs Av. Dr. Giuseppe Vella, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru 1955 u Josephine Gusman vs Anthony Agius et, deċiża mill-istess Qorti fil-21 ta' Jannar 2004). Ġie ribadit ukoll li l-azzjoni ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min arrikixxa ruħu bi ħsara tiegħu, jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir (ara Salvatore Zammit vs Giuseppa Farrugia et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl–10 ta' Diċembru 1955 u Harry Saliba vs Denise Caruana deċiża mill-istess Qorti fis-6 ta' April 2006).

Fl-artikolu tiegħu Unjustified Enrichment and the Brussels I Regulation, ippublikat fil-ġurnal International & Comparative Law Quarterly, Volume 68, Issue 4, ta' Ottubru 2019, l-awtur Ugljesa Grusic jispjega li minn deċiżjonijiet riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-*Advocates General* ta' dik il-Qorti jirriżulta li '*unjust enrichment claims connected with an existing or a supposed contract between the parties fall within the special jurisdiction rule for contracts and that unjust enrichment claims do not fall within the special jurisdiction rule for torts.*'

Fil-każ li qed tqis il-Qorti llum, l-attur ma jallegax li kien hemm xi xorta ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Għalkemm huwa minnu li f'xi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ingħad illi t-tieni sub inċiż tal-artikolu 7 tar-Regolament għandu kwalità residwa biex b'hekk jista' jinkludi kawżi dwar arrikkiment inġust, daqstant ieħor wiehed isib deċiżjonijiet ta' dik il-Qorti fejn ingħad li dan is-sub inċiż ma jinkludix kawżi ta' din ix-xorta. Din il-Qorti ma tistax ħlief taqbel li azzjoni bħal tal-lum ma taqax la taħt l-ewwel u lanqas taħt it-tieni sub inċiż tal-artikolu 7 tar-Regolament.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferenza għall-Opinjoni tal-*Advocate General* Wahl datata 7 ta' April 2016 mogħtija fil-proċeduri għal referenza preliminari fl-ismijiet Gazdasagi Versenyhivatal v Siemens Aktiengesellschaft Österreich magħmula lill-Qorti tal-

Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn Qorti Ungeriża li kienet titratta dwar liema Qorti għandha tisma kawża dwar arrikkiment inġust skont ir-Regolament 44/2001 (il-predeċessur tar-Regolament 2012/2015). Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kienet sabet illi l-azzjoni ma kinetx taqa' fl-ambitu tar-Regolament peress li ma kienitx kwistjoni ta' natura ċivili jew kummerċjali (għaliex il-każ kien jirrigwarda multa amministrattiva), dwar il-mertu, *Advocate General* Wahl kien ikkonkluda li:

> "*...on a proper construction of Article 5(3) of Regulation No 44/2001, an action for restitution on the ground of unjust enrichment does not constitute a 'matter relating to tort, delict or quasi-delict' within the meaning of that provision.*"

Fid-dawl tal-premess, jista' jingħad fiċ-ċert li l-qrati Maltin ma għandhomx ġurisdizzjoni ordinarja fil-konfront tal-konvenuta li la hija ċittadina Maltija u lanqas domiċiljata hawn Malta.

Finalment, il-Qorti żżid tgħid illi l-konvenuta ma tistax fl-istess waqt tgħid li japplika r-Regolament 1215/2012 imbagħad tressaq eċċezzjonijiet oħra fejn tibbaża l-argument tagħha fuq il-liġi ordinarja taħt il-Kap. 12 meta fil-fatt dawn ma japplikawx. Dan peress li l-artikolu 742(6) tal-Kap. 12 jiddisponi li,

> "*Meta disposizzjoni ssir taht xi ligi ohra jew f'xi Regolament ta' l-Unjoni Ewropea fejn tintghamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqghu taht dik id-disposizzjoni l-ohra u ghandhom biss japplikaw ghal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-ohra ma tapplikax.*"

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u konsegwentement, tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' din il-kawża u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

IMHALLEF

DEP/REG